MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Numru 1076/2006

Il-Pulizija
(Sp Carlo Ellul u
Sp Charles Abdilla)
vs
Leann Psaila, bint Renald,
imwielda Pieta’ fit-28 ta’
april, 1988

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli fil-5 ta’ ottubru, 2006 f’Paceville, San Ġiljan għal ħabta tad-9.00 a.m. ikkomettiet serq ta’ flus mis-salon ‘Cut Coiffeur’, liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeċċediex l-Lm1,000 għad-dannu ta’ David Charles Bajjada.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ ottubru, 2006 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-ammont ta’ flus misruqa k`n ta’ Lm223 u din is-somma ġiet mogħtija lura lil sidha mill-imputata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ ottubru, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni mikrija, il-fatt li l-flus ġew mogħtija lura, il-fedina penali netta u l-eta’ ta’ l-imputata. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------